MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2003

Numru 480/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**Martin Debono**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Martin Debono bin Anthony u Josephine nee' Cassar imwieled Pieta' u residenti 39, 'Okella Agius' Triq Qormi, Hamrun detentur ta' karta ta' identita numru 519070(M), akkuzat talli fil-21 ta' Lulju 2001 u fix-xhur ta' qabel din id-data fil-belt Valletta u bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. il-Qorti giet mitluba titratta ma' l-imputat bhala recidiv meta nhar id-9 ta' Novembru 1998 kien misjub hati ta' serq mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali u kif ukoll nhar il-11 ta' Gunju 1999 kien misjub hati ta'serq mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali liema sentenzi saru definittivi.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Kap 101 sabiex l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi kontra tieghu.

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha komprizi n-noti ta' osservazzjonijiet.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat huma ta' traffikar tad-droga eroina. Hemm ukoll r-recidiva. Il-fatti juru li l-imputat gie indizjat minn certu Marwan El Kurbo li meta kien qieghed jigi investigat mill-Pulizija in konnessjoni ma 'snatch and grab' li kien issuccieda fuq tfajla l-Belt, semma l-imputat li kien fornih bid-droga eroina. Minn hemm l-imputat gie investigat izda ma rrizulta xejn lanqas remotament li l-imputat seta' kien konness mad-droga. Mid-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti irrizulta biss li f'xi zmien hawa kien jabbuza mid-droga izda li kien ikkura ruhhu. Cahad kategorikament li qatt kien ittraffika droga.

Illi l-Artikolu 30A tal-Kap 101 jipprovdi li kull dikjarazzjoni maghmula u li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat u kull xhieda moghtija quddiem xi qorti tista' tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat taht ic-citata Ordinanza u aktar rilevanti l-Artikolu 30 jipprovdi li meta persuna tkun xtrat, jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ix-xhieda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minn ghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhix ghalfejn tkun korroborata b'cirkustanzi ohra.

Issa fil-kaz in disamina m'hemmx dubbju li x-xhieda guramentata moghtija minn El-Kurbo kontra l-imputat konfermata quddiem magistrat hija sufficjenti sabiex din il-qorti ssib reita' kontra tieghu u la ghandha ghalfejn tfittex korroborazzjoni "b'cirkostanzi ohra".

Inghad dan pero' din il-qorti hi tal-fehma li anka f'cirkostanzi 'normali' fejn l-uniku xhud kontra imputat huwa bhal f'dan il-kaz l-'akkusatur' u m'hemm lanqas tracca ta' cirkostanza, imqarr wahda, li toffri korroborazzjoni, l-akbar cirkospezzjoni hija mhux biss dovuta izda obligatorja. F'dan il-kaz mhux biss ma jezistux provi ohra izda u apparti c-cahda kategorika tal-imputat hemm ir-ritrattazzjoni tax-xhud stess li fuqu il-prosekuzzjoni bniet il-kaz taghha. F'dan il-kuntest il-qorti qeghdha tiskarta ghal kollox bhala mill-aktar tenwa u assai rrilevanti l-fatt li El-Kurbo kellu n-numru tat-telefon cellulari tal-imputat. In vista ta' dan kollu ghalhekk il-qorti

tiddikjara l-imputat mhux hati u tilliberah minn kull htija u piena.

Tordna pero li jittiehdu l-opportuni proceduri kontra Manwar El-Kurbo senjatament ta’ spergur u gurament falz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------